# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 17 t'Ottubru tas-sena 2001.**

**Numru 15**

**Avviz numru 530/01/SM**

**Elmo Insurance Agency Limited bhala rappresentanti tas-socjeta' estera Royalo & Sun Alliance Insurance plc, cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta' estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Simon Zammit.**

**Vs**

**Albert Spiteri**
**Middle Sea Insurance p.l.c.**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas in solidum bejniethom is-somma ta' mitejn disa' u**

**tmenin lira sitta u tmenin centezmu (Lm289.86,0) in linea ta' danni minnha sborsati in segwitu ghal wara incident awtomobilistiku li gara Swatar fl-10 ta' Novembru 1999 meta waqt li Albert Spiteri kien qed iregga lura vettura Nru BAE 671 habat mal-vettura Nru. IBD 925 proprjeta' ta' Simon Zammit li kien wieqaf – prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident Albert Spiteri kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti, liema responsabilita' ghall-incident u konsegwenti obbligazzjoni ghall-hlas tad-danni giet accettata mill-Middle Sea Insurance p.l.c. bhala assikuraturi tal-vettura Nru. BAE 671 u tal-istess Albert Spiteri;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Mejju, 2000, u bl-imghax legali mill-15 ta'Mejju 2000, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma deherux, la fid-9 t'Ottubru tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**